# KAPITOLU 219

## ATT DWAR IMPOSTA FUQ KONTIJIET GĦALL-PORTATUR

*Biex jimponi imposta fuq depożiti għall-portatur.*

(24 ta' Lulju, 1970)*

*L-ATT XXIV ta' l-1970, kif emendat bl-Att XXVII ta' l-1972; bl-Avviż Legali 148 ta' l-1975; bl-Atti XXV ta' l-1985, 1 ta' l-1990, II ta' l-1993 u XXIV ta' l-1995; u bl-Avviżi Legali 181 ta' l-2006 u 411 ta' l-2007.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att dwar Imposta fuq Kontijiet għall-Portatur. Titolu fil-qosor.

**2.** (1) F'dan l-Att kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir.

"ġurnata stabbilita" tfisser l-1 ta' Lulju, 1970;

"kont għall-portatur" tinkludi kull arranġamenti li bihom bank jaċċetta depożiti ta' flus li jistgħu jiġu rtirati jew li jistgħu jitħallsu lura fuq talba jew wara perijodu stabbilit jew wara avviż jew mod ieħor mill-portatur jew lill-portatur ta' ktieb tal-bank, ċertifikat jew dokument ieħor jew li jistgħu jiġu rtirati jew li jistgħu jitħallsu lura b'xi mod ieħor li ma jkunx minn jew lil persuna msemmija, u "depożitu għall-portatur" għandha tiftiehem skond hekk;

"depożitant" tfisser il-persuna jew il-persuni li jkollhom dritt li jistgħu jirtiraw flus minn kont għall-portatur jew li jistgħu jitħallsu lura depożitu għall-portatur, jew li jistgħu jitħallsu xi mgħax fuq dak il-kont jew depożitu;

"imposta" tfisser l-imposta fuq kont għall-portatur dovuta skond l-artikolu 3 ta' dan l-Att.

(2) F'dan l-Att, kliem u espressjonijiet li ma humiex xorta oħra mfissra, għandhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, l-istess tifsir li għandhom fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju.

**3.** (1) Imposta, li tissejjaħ "imposta fuq kont għall-portatur", għandha tkun dovuta u għandha titħallas skond dan l-Att fuq is-somom kollha ta' flus imqiegħda f'Malta fi kwalunkwe bank biex jiġu depożitati f'kont għall-portatur, kemm jekk somma tali tkun ser hekk tinżamm minn dak il-bank jew minn xi bank ieħor kemm ukoll jekk tkun ser hekk tinżamm f'Malta jew barra minn Malta.

Imposta fuq kont għall-portatur. *Emendat: XXVII. 1972.2; XXV. 1985.2; I. 1990.2; II. 1993.2.*

(2) L-imposta li għandha titħallas fis-sena skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tkun ta' erbgħin fil-mija ta' l-imgħax dovut fuq is-somom kollha mqegħda fi kwalunkwe żmien biex jiġu depożitati kif intqal qabel f'kont għall-portatur u miżmuma kif intqal qabel bħala depożitu minn bank fil-ġurnata stabbilita jew f'xi żmien wara dik il-ġurnata, u għandha tiġi ntaxxata u tkun dovuta

**Ara* Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 561 ta' l-24 ta' Lulju, 1970.

b'effett minn dik il-ġurnata fuq il-bilanċ ta' kuljum f'dak il-kont f'dik il-ġurnata u wara.

(3) Kull bank li miegħu titqiegħed somma biex tiġi depożitata f'kont għall-portatur, kemm jekk dak id-depożitu jinżamm minn dak il-bank kemm jekk le, għandu jħallas lill-*Accountant General* l-ammonti dovuti bħala imposta fuq kull depożitu bħal dak mhux aktar tard minn -

(*a*) il-15 ta' Lulju f'kull sena dwar l-imposta kollha li, skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, tkun dovuta fit-30 jew qabel it-30 ta' Ġunju ta' dik is-sena; u

(*b*) il-15 ta' Jannar f'kull sena dwar l-imposta kollha li tkun dovuta kif intqal qabel fil-31 jew qabel il-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

(4) Mingħajr ħsara għal kull dritt ieħor kontra depożitant, kull bank kif intqal qabel jista' jnaqqas mill-imgħax jew minn xi somma oħra li jkollha titħallas lil depożitant l-ammont imħallas bħala imposta skond dan l-Att dwar il-kont għall-portatur li dwaru l-imgħax jew dik is-somma oħra jkunu dovuti, u d-depożitant ma jkollux dritt jieħu lura mingħand il-bank kull somma mnaqqsa kif imiss skond dan is-subartikolu.

(5) Ħlief bi ħlas lura ta' somom depożitati, bank ma għandu jħallas lil depożitant, direttament jew indirettament, ebda somma li tkun akbar mid-differenza bejn l-imgħax dovut fuq il-kont bir-rata miftehma u l-imposta.

*Record* ta' kontijiet għall-portatur.

**4.** (1) Kull bank għandu jżomm *records* xierqa li juru d-depożiti kollha magħmula mal-bank jew permezz tal-bank f'kont għall-portatur u miżmuma, kemm jekk minn dak il-bank kemm jekk le, fil-ġurnata stabbilita u d-depożiti kollha magħmula mal-bank jew permezz tal-bank f'kont għall-portatur wara dik il-ġurnata; u dawk ir-*records* għandhom juru dwar kull kont għall-portatur -

(*a*) in-numru progressiv u x-xorta tal-kont;

(*b*) l-ammont miżmum fil-ġurnata stabbilita;

(*ċ*) id-depożiti kollha magħmula wara l-ġurnata stabbilita u d-data jew dati li fihom dawk id-depożiti jkunu saru;

(*d*) il-ġbid kollu minn jew il-ħlas lura kollu ta' depożiti wara l-ġurnata stabbilita u d-data jew id-dati li fihom dak il-ġbid jew dak il-ħlas lura jkunu saru;

(*e*) id-data jew id-dati li fihom l-imgħax ikun dovut fuq somom depożitati hemmhekk;

(*f*) kull patt jew kondizzjoni oħra tal-kont; u

(*g*) is-somom kollha mħallsa bħala imposta fuq il-kont.

(2) Kull bank għandu jżomm *records* separati li juru t-totali ta' kuljum tad-depożiti, irtiri u bilanċ li jirriżulta dwar kull xorta ta' kont għall-portatur.

**5.** (1) Kull bank għandu jissottometti lill-*Accountant General* -

(*a*) mhux aktar minn xahar wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att prospett li juri x-xorta ta' kontijiet għall-portatur miżmuma u t-total tal-bilanċ fuq kull xorta ta' kont fil-ġurnata stabbilita;

(*b*) mhux iktar tard minn ħmistax-il ġurnata wara l-31 ta' Diċembru, 1970 u wara t-30 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru ta' kull sena li tiġi wara prospett li juri t-total ta' kuljum tad-depożiti, ta' l-irtiri, tal-bilanċ li jirriżulta u ta' l-imposta dwar kull xorta ta' kont għall-portatur matul is-sitt xhur ta' qabel.

(2) Kull prospett mogħti skond dan l-artikolu għandu jkun f'dik il-forma kif l-*Accountant General* jista' japprova minn żmien għal żmien.

Prospetti li jingħataw mill-banek.

**6.** Kull bank għandu, meta jħallas lill-*Accountant General* xi imposta dovuta skond dan l-Att, jissottometti lill-*Accountant General* dokument magħmul f'dik il-forma kif l-*Accountant General* jista' japprova u li juri dwar kull xorta ta' kont għall-portatur it-total ta' l-ammont ta' l-imposta dovuta u mħallsa.

Dokument li għandu jingħata mal-ħlas ta' l-imposta.

**7.** (1) L-*Accountant General* huwa inkarigat mill-amministrazzjoni ta' dan l-Att.

Awtorità u setgħat amministrattivi.

(2) Kull bank għandu jħalli lill-*Accountant General* u lil kull persuna oħra awtorizzata minnu għal dak l-iskop li jispezzjona f'kull ħin xieraq ir-*records* imsemmija fl-artikolu 4 ta' dan l-Att u għandu jagħtih il-faċilitajiet kollha xierqa biex hu jew dik il-persuna kif issemma qabel jiżgura l-korrettezza ta' kull *record* tali u ta' kull prospett mogħti mill-bank skond dan l-Att u biex b'mod ieħor jiżgura li d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikunu qed jiġu mħarsa; u l-bank għandu jagħti wkoll lill-*Accountant General* jew lil dik il-persuna kif issemma qabel l-informazzjoni kollha li jkunu jeħtieġu għal kull wieħed mill-iskopijiet ta' hawn fuq, iżda l-bank ma jkunx meħtieġ taħt dan l-Att li jagħti lill-*Accountant General* jew lil dik il-persuna kif issemma qabel ebda informazzjoni għal xi skop ieħor.

(3) Ħlief għall-finijiet ta' dan l-Att, kull prospett jew informazzjoni oħra mogħtija minn jew miksuba mingħand bank skond dan l-Att għandha titqies bħala sigrieta.

**8.** (1) Jekk xi bank jonqos li jħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jista' jeħel penali ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87):

Reati u penalitajiet. *Emendat: A.L. 148 ta' l-1975; XXIV. 1995.362; A.L. 181 ta' l-2006; A.L. 411 ta' l-2007.*

Iżda meta n-nuqqas ta' tħaris ikun li bank jonqos li jħallas skond dan l-Att xi imposta, jew parti minnha, dovuta skond dan l-Att, il-penali tkun somma ta' mhux iżjed mid-doppju ta' l-ammont ta' l-imposta li tibqa' mhux imħallsa jew erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) liema minnhom ikun l-akbar ammont.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta'

dan l-artikolu, bank jitqies li naqas li jħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att -

(*a*) jekk fir-*records* miżmuma, jew f'xi prospett mogħti, skond dan l-Att jingħata xi dettal jew informazzjoni falza, mhux korretta jew li tista' tqarraq;

(*b*) jekk xi informazzjoni oħra mogħtija għall-finijiet ta' dan l-Att tkun falza, mhux korretta jew li tista' tqarraq, f'xi dettal ta' sustanza; jew

(*ċ*) jekk il-bank jonqos jew jirrifjuta mingħajr raġuni xierqa li jħares xi talba magħmula mill-*Accountant General* jew minn xi persuna awtorizzata minnu għal dak l-iskop skond is-setgħat tagħhom taħt l-artikolu 7 ta' dan l-Att.

(3) Kull persuna li, bħala direttur jew *manager* ta' bank -

(*a*) tonqos li tieħu l-passi kollha xierqa biex tiżgura t-tħaris mill-bank ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att; jew

(*b*) tonqos li tieħu l-passi kollha xierqa biex tiżgura l-korrettezza tar-*records* miżmuma, jew tal-prospetti mogħtija, jew ta' xi informazzjoni oħra mogħtija, mill-bank, skond xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att,

tista' teħel penali ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87).

(4) L-*Accountant General* jista' jasal f'arranġament dwar xi penali li persuna tkun tista' teħel taħt dan l-Att, u jista', qabel ma tingħata d-deċiżjoni tal-qorti, iwaqqaf jew jasal f'arranġament dwar xi proċedimenti taħt dan l-Att.

(5) Il-penalitajiet kollha taħt dan l-Att għandhom, fuq istanza ta' l-*Accountant General* b'rikors ġuramentat fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla, jiġu stabbiliti minn dik il-qorti u jinġabru bħala dejn ċivili dovut lill-Gvern.